ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2051

tal-11 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 dwar ċertu miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fir-Renju Unit

(notifikata bid-dokument C(2020) 9184)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha, flimkien mal-Artikolu 131 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Ftehim dwar il-Ħruġ"),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha, flimkien mal-Artikolu 131 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1742 ([3]) ġiet adottata wara tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) tas-sottotip H5N8 f'azjendi fejn jinżamm il-pollam jew għasafar oħra tat-trobbija fir-Renju Unit, u wara l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([4]).

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mir-Renju Unit, f'konformità mad-Direttiva 2005/94/KE, iridu jinkludu tal-anqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(3) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 ġie emendat dan l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1996 ([5]), wara tifqigħat ulterjuri tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fil-pollam jew għasafar oħra tat-trobbija fir-Renju Unit li kien jeħtieġ li jiġu riflessi f'dak l-Anness.

(4) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1996, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni b'tifqigħat ġodda ta' HPAI tas-sottotip H5N8 f'azjendi fejn jinżamm il-pollam jew għasafar oħra tat-trobbija fil-kontej ta' Yorkshire tat-Tramuntana u ta' Norfolk, u li ħa l-miżuri neċessarji meħtieġa f'konformità mad-Direttiva 2005/94/KE, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar dawn it-tifqigħat il-ġdida.

(5) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri b'kollaborazzjoni mar-Renju Unit, u ħarġet sodisfatta li l-fruntieri taż-żoni ġodda ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-azjendi fejn ġew ikkonfermati t-tifqigħat il-ġdida ta' HPAI tas-sottotip H5N8.

(6) Sabiex jiġi evitat kull disturb bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u biex jiġi evitat li pajjiżi terzi jimponu ostakli mhux iġġustifikati għall-kummerċ, jeħtieġ li jiġu deskritti malajr fil-livell tal-Unjoni, b'kollaborazzjoni mar-Renju Unit, iż-żoni l-ġodda ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mir-Renju Unit f'konformità mad-Direttiva 2005/94/KE. Għaldaqstant, jenħtieġ li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza elenkati għar-Renju Unit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 jenħtieġ li jiġu emendati.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.

([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1742 tal-20 ta' Novembru 2020 dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fir-Renju Unit (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 60).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1996 tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fir-Renju Unit (ĠU L 410, 7.12.2020, p. 100).

(7) Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġi emendat l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 biex jiġu aġġornati r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jitqiesu ż-żoni l-ġodda ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2005/94/KE mir-Renju Unit u t-tul ta' żmien tar-restrizzjonijiet li japplikaw fihom.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(9) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni, rigward it-tixrid tal-HPAI tas-sottotip H5N8, huwa importanti li l-emendi lill-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 li qed isiru permezz ta' din id-Deċiżjoni jidħlu fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1742 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

PARTI A

Żona ta' protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 1:

Ir-Renju Unit

Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2005/94/KE
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Cheshire (kodiċi ADNS 00140) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N53.25 u W2.81	27.11.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Herefordshire (kodiċi ADNS 00051) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.17 u W2.81	8.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Leicestershire (kodiċi ADNS 00152) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.78 u W0.86	16.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Yorkshire tat-Tramuntana (kodiċi ADNS 00176) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N54.30 u W1.47	26.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' North Yorkshire (kodiċi ADNS 00176) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N54.29 u W1.45	29.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Norfolk (kodiċi ADNS 00154) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.49 u E0.95	31.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Norfolk (kodiċi ADNS 00154) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.72 u E0.15	31.12.2020

PARTI B

Żona ta' sorveljanza kif imsemmi fl-Artikolu 1:

Ir-Renju Unit

Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Cheshire (kodiċi ADNS 00140) li tmur lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N53.25 u W2.81	6.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Cheshire (kodiċi ADNS 00140) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N53.25 u W2.81	Minn 28.11.2020 sa 6.12.2020

Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Herefordshire (kodiċi ADNS 00051) li tmur lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.17 u W2.81	17.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Herefordshire (kodiċi ADNS 00051) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.17 u W2.81	Minn 9.12.2020 sa 17.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Leicestershire (kodiċi ADNS 00152) li tmur lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.78 u W0.86	25.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Leicestershire (kodiċi ADNS 00152) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.78 u W0.86	Minn 17.12.2020 sa 25.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Yorkshire tat-Tramuntana (kodiċi ADNS 00176) li tmur lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N54.30 u W1.47	31.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' North Yorkshire (kodiċi ADNS 00176) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N54.30 u W1.47	Minn 24.12.2020 sa 31.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Yorkshire tat-Tramuntana (kodiċi ADNS 00176) li tmur lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N54.29 u W1.45	31.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' North Yorkshire (kodiċi ADNS 00176) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N54.29 u W1.45	Minn 30.12.2020 sa 31.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Norfolk (kodiċi ADNS 00154) li tmur lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.49 u E0.95	31.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Norfolk (kodiċi ADNS 00154) li tmur lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.72 u E0.15	31.12.2020"